**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN**

**19 ta' Frar, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**SKUŻATI**

Il-Kunsill Dr Claudio Zammit informa lill-Kunsill permezz ta' email li ma setgħax jattendi minħabba inpenji ta' xogħol. Email tinsab mehmuża **Dok 1.**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**23.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

23.1.1 Fir-rigward ta' punt 22.1.5 is-Sur Raymond Grixti rrimarka li għalkemm is-Sindku nforma lill-Kunsill, li l-Kunsillier Grixti rreżenja mid-dekasteru ta' immaniġjar tat-traffiku, ma qalx ir-raġuni għaliex kellu jagħmel dan.

Il-Kunsillier Raymond Grixti esiġa li l-kliem li kien ser jgħid jitniżżel fil-minuti tal-Kunsill, għaliex jekk dan ma jsirx ser jagħmel ir-rapporti tiegħu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li meta kellu d-dekasteru tal-

immaniġjar tat-traffiku, kull darba li kien jipproponi xi tibdil fis-sistema tat-traffiku, barra li kien jikkonsulta mal-kumpanija Koptasin u jġib avviż fil-Kunsill News, l-implimentazzjoni kienet issir fuq approvazzjoni mit-Transport Malta. Hu żied jgħid li kull tibdiel jew żieda li għamel fiż-żmien li kien jokkupa din il-kariga, dejjem għamlu skont il-liġi u wara konsultazzjoni anke f'seduti tal-kunsill. Imma ta' kemm –il darba wara li jkun għamel xi tibdil (bħal ma ġara fil-każ ta' Triq l-Imqabba fejn il-ħanut La Piccola) xi ħadd poġġa boroż tal-plastik suwed, mat-tabelli biex is-sistema tat-traffiku tinbidel minn dak approvat. Meta hu oġġezzjona mas-Segretarju Eżekuttiv hi dejjem qalet li ma kienetx taf bis-sitwazzjoni u min kien ta l-ordni li dan isir u xi jumejn wara dawn tneħħew. Hu staqsa min kien ser jerfa r-responsabbilta' ta' xi inċident fatali li setgħa seħħ waqt li tali tabelli kienu mgħottija. Staqsa ukoll kemm kien hemm residenti mill-akwata tal-Bebbux, preżenti fil-laqgħa li saret, qabel is-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014, u jekk tali residenti kienux qed jirrappreżentaw lir-residenti kollha tal-akwata, biex il-Kunsill ħa deċiżjoni fuq li qalu huma u mhux fuq dak li kien ippropona l-Kunsillier Raymond Grixti.

Il-Kunsillier Grixti qal li meta kien iressaq xi talbiet fis-seduta tal-Kunsill, kemm –il darba kien jiġi mwissi li ma fadalx fondi u ftit ġranet wara jara sinjali ġodda li ma jkunx jaf min awtorizza li jsiru. Żied jgħid li f'każijiet kien qed jingħata n-numru tat-telephone tad-dar u ċ-ċellulari tiegħu biex ir-residenti jagħmlu l-ilmenti diretti lilu. Meta staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv, din infurmatu li dawn l-affarijiet ma kienux ġejjin minnha u ma tafx min kien qed jagħmel tali xogħol u jagħti tali informazzjoni.

Il-Kunsillier Raymond Grixti għalaq billi saħaq li hu dejjem għamel xogħolu b'responsabbilta' kbira, u dejjem kien denju ta' dak li għamel.

23.1.2 Fir-rigward ta' punt 22.1.6 il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'kien il-*feedback* li ħareġ mil-laqgħa bejn rappreżentanza tal-Kunsill u l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi.

Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-Ministru talab lill-Kunsill biex jgħatih proposta waħda, li hi l-aktar urġenti u neċessarja fiż-Żurrieq, u l-Kunsill infurmah li kienet wiċċ ġdid fi Triq Ħal Far.

Is-Sindku qal li tali laqgħa kienet qasira ħafna, fejn l-Onorevoli Ministru nforma, li għal din is-sena kien ser ikun diffiċli li l-Kunsill jiġi mgħejjun f'aktar minn proposta waħda.

23.1.3 Fir-rigward ta' punt 22.5.4 il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'sar mill-ilmenti msemmija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bdil tal-kaptelli fi Vjal il-Blue Grotto kienu għadhom ma sarux għalkemm kienet saret l-ordni tax-xogħol wara l-aħħar seduta. Kien hemm qbil

li lill-Kumpanija Ell's tiġi nfurmatha (kull darba li ssirilha ordni ta' xogħol) li x-xogħol mitlub irid jitlesta fi żmien 15 – il ġurnata mid-data tal-ordni.
Ix-xogħlijiet ta' *bollards u barriers* saru u ċ-ċint ta' Triq il-Barrieri ser issirlu manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Public Works.

23.1.4 F'dan il-punt tqajmet il-kwistjoni li għalkemm il-Kunsill qed jagħti żmien ta' 15 –il ġurnata biex ix-xogħol ordnat isir, ma kien hemm ħadd li qed jissorvelja li tali xogħol ikun tlesta maż-żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi dejjem qed tinforma lill-Kuntrattur bil-miktub fejn tkun taf li tali xogħol ma tlestiex.
Kien hemm qbil li fir-rigward tal-claim li għamlet persuna meta ġarrbet ħsara f'ħofra fi Vjal ix-Xarolla, jiġi ċċekkjat jekk il-Kuntrattur kellux l-ordni tax-xogħol u jekk dan kien qabeż iż-żmien stipulat li kellu jagħmel tali xogħol il-kont tal-ispejjeż għandu jintbagħat lilu.

23.1.5 Fir-rigward ta' punt 22.7.1 il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta fuq it-tnaqqis ta' fondi li ġew allokati lill-Kunsill f'din is-sena u fuq ir-reġistru tal-assi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Kienet mitluba biex tibgħat reminder.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Rita Bellizi ħarġet mis-seduta għax ħassietha ma tiflaħx (7:00pm).

Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq jekk id-Dipartiment tax risposta fuq il-kuntratt ta' tindif fiż-żona mhux urbana. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. F'dan il-punt kien hemm qbil li tinkiteb ittra lid-dipartiment fejn il-Kunsill juri d-diżappunt tiegħu li wara li għadda dan iż-żmien kollu, u għalkemm il-Kunsill kemm –il darba bagħat reminders, il-Kunsill baqa' mingħajr risposta. Intqal ukoll li din hi ħaġa tal-mistħija.

23.1.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-post alternattiv għall-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali.
Is-Sindku Ignatius Farrugia nfurmah li kellu laqgħa mal-Onorevoli Ministru Marie Louise Coleiro, fejn infurmatu li l-affarijiet fuq il-post alternattiv mixjien għal sit fi Triq Dun Ġużepp Zammit k/m Misraħ Mattia Preti. Is-Sindku qal li tali affarijiet imxew mingħajr ma l-Kunsill kien ikkonsultat.

23.1.7 Il-minuti ta' seduta 22 ġew approvati.

***23.2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 44 u 45 u tal-laqgħat annwali.***

23.2.1 Ġew approvati l-minuti numri 44 u 45 u l-minuti tal-laqgħat annwali.

**23.3 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani.**

23.3.1 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat imsemmija.

**23.4 Approvazzjoni tal-Minuti Reġjun Nofsinhar u tal-Gal Xlokk**

23.4.1 Ġew approvati l-minuti numru 3 u 4 laqgħa tar-Reġjun Nofisnhar u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 42.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jiskuża ruħu li ma jkunx jista jattendi għal-laqgħat tal-Gal Xlokk, imma esiġa li xi rappreżentant tal-Kunsill għandu jattendi, għax minn dan, il-Kunsill jista jibbenefika ħafna.

Fir-rigward tal-*wardens* li qed ikun hemm ta' kuljum fejn il-mina ta' Ħal Kirkop, il-Kunsillier Joseph D'Amato qajjem il-punt li l-Kunsill għandu jingħaqad mal-Kunsilli Lokali tal-madwar u flimkien joġġezzjonaw għaliex ikun hemm żewġ *wardens* fejn il-mina jistadu għaċ-ċitazzjonijiet. Hu żied jgħid li ħdejn l-ebda mina oħra f'Malta ma tara wardens. Hu qal li aħjar il-ħin jintuża biex jagħtu servizz aħjar fil-lokalitajiet, fosthom fiż-Żurrieq fejn il-ħanut Maypole u fejn it-toroq 'one way'.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Authorised officer fejn jurih id-diżapprovazzjoni tiegħu u li s-Sindku jsemmi l-każ waqt seduta tar-Regjun Nofsinar li jmiss.

***23.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

23.5.1 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera li kienu preżenti waqt iż-żjara tal-President ta' Malta, fejn il-Kunsill organizza attivita' sabiħa għall-okkażjoni, u wara din iż-żjara, persuna mill-uffiċċju tal-President ikkuntatjat lis-Sindku personalment biex tirringrazzja lill-Kunsill tal-laqgħa li saret lill-President ta' Malta fiż-Żurrieq.

23.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva email mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fejn talbu laqgħa mal-Kunsill, biex tiġi diskussa l-problema tas-CCTV waqt il-ġranet ta' qabel il-festa u wara (żmien l-armar u tneħħija tal-armar tal-festa) minħabba li diversi volontiera qed jiġu mmultat minħabba li jkunu qed jgħabbu jew iħottu mil-Każin.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb liż-żewġ soċjetajiet fejn jitlobhom in-numri ta' reġistrazzjoni tal-vetturi li jkunu qed jgħamlu xogħol volontarju waqt il-festi tar-raħal u għal kemm żmien tali vetturi

jdumu jgħamlu xogħol fil-Misraħ.
Wara li l-Kunsill ikollu l-informazzjoni miż-żewġ soċjetajiet, dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss fis-seduta.

Kien hemm qbil ukoll li jekk is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, xorta tkun trid tiltaqa' mal-Kunsill fuq dan ir-rigward il-Kunsill lest li jgħamel appuntament ma' rappreżentanti tagħha.

23.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 4/2014 fejn il-Kunsill, jekk kien interessat li jimla applikazzjoni, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kien lest li jgħati s-somma sa massimu ta' €600 lil dawk il-Kunsilli Lokali li jonfqu l-istess somma f'kotba biss għal-librerija.

Għalkemm il-Kunsill fil-budget 2014 ippropona li ser jonfoq €466 f'kotba, kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' €600 biex fl-aħħar jigwadanja l-ammont ta' €1,200 f'kotba għal-librerija.

F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni li anke ir-Reġjun Nofsinhar lest li jgħati €500 li jistgħu jintnefqu f'kotba u manutenzjoni tal-librerija.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li l-Kunsill jinforma lil-librar biex jieħu ħsieb jixtri kotba addattati għal persuni avvanzati fl-eta.
Il-Kunsillier Pierre Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jinforma lil-librar biex jixtri kotba/apparat addattat għal persuni nieqsa mid-dawl.
Kien hemm qbil fuq dan kollu.

23.5.4 Is-Sindku qal li rnexxielu jġib sponsor ta' għamara għall-ufficċju tas-Segretarju Eżekuttiv li issa ġie aktar attrajenti u spazzjuż. Dan l-isponsor inġieb minn Construct Furniture li minflok ħlas il-Kunsill ser jagħmel reklam fuq il-Kunsill News li jmiss.

23.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni Memo 5/2014 għall-attenzjoni tal-Kunsill. Id-dipartiment tal-Gvern Lokali qed joffri €1000 fis-sena, għall-online streaming tas-seduti.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal tali fondi.

23.5.6 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda jixtri xi ħaġa żgħira tal-ikel għal waqt is-seduta għaliex ma jħossx li hu ġust li l-Viċi Sindku Rita Grima dejjem iġġib l-ikel hi.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv qabel kull seduta tibda.

23.5.7 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-organizzaturi ta' The Malta Records fejn offrew li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jingħaqad ma' Kunsilli oħra għal attivita' li ser tittella fuq il-fosos tal-Furjana fit-2 u 3 ta' Mejju

fejn ser jintramaw stands u l-Kunsill ikun jista jirreklama l-identita' taż-Żurrieq, permezz tal-attivitajiet li jagħmel. Ser jitqassam fuljett waqt l-attivita' u reklam fuqu jiswa €200.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa u li joħroġ il-flus għar-reklam.

23.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill fuq ilment li rċeviet mingħand persuna fejn qed toġġezzjona għas-sistema ta' 'one way' li saret fi Triq l-Imqabba.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tkellmet mal-Kunsill tal-Imqabba u ġiet infurmata li it-tabelli jinsabu 'l barra mill-Konfini taż-Żurrieq u li tali sistema għamilha il-Kunsill tal-Imqabba bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

23.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata mill-kap tal-Iskola Primarja taż-Żurrieq, fejn talabha li jsiru aktar *bollards* fi Triq Santa Katarina, minħabba li xi vetturi qed jidħlu xorta fit-triq waqt il-ħruġ u dħul tat-tfal tal-iskola.

Kien hemm qbil li jiżdiedu 2 bollards b'katina fil-parti t'isfel tat-triq u bollard b'katina fil-parti ta' fuq. B'hekk ikunu 4 u 2 rispettivament.

23.5.10 Is-Sindku Ignatius Farrugia ressaq ilment minn resident fi Vjal ix-Xarolla li diversi vetturi qed jitilgħu l-bankina fl-ewwel parti ta' Vjal ix-Xarolla. Ir-resident issuġġerixxa li jsiru 'u' bars.

Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li l-vetturi pparkjati ma jkunux jistgħu jiftħu l-bieba tal-vettura tagħhom.

23.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet liema kienu dawk il-Kunsilliera li ma jridux li mill-allowance li jmiss tinqatalhom it-taxxa.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tikteb lid-Dipartiment u titlob direzzjoni mingħandhom.

***23.6 Approvazzjoni : Financial Statements for the year ended 2013***

23.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-financial statements għas-sena 2013 u ir-risposta tal-Kunsill lil-NAO fuq is-sena 2013, li saru bl-għajnuna tal-Accountant.

Kien hemm qbil li jiġu approvati biex jintbagħtu.

F'dan il-Punt daħal il-Kunsillier Vincent Marmara (ħin 7:55pm)

**23.7** ***Kuntratt PC67/06/13: Cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly manner***

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fl-10 ta' Jannar, 2014, il-kuntrattur Noel Xuereb li ħa t-*tender* tal-*Cleaning and attendance of Public Conveniences*, informa li minħabba l-ammont kbir ta' vandaliżmu li qed isib fil-latrini ma kienx lest li jkompli s-servizz tiegħu u ta żmien xahar mid-data tal-ittra biex il-Kunsill ikun lest li jsib lil persuna oħra. Hu talab ukoll lill-Kunsill isiblu persuna li tieħu ħsieb ix-xogħol u kien lest li jħallasha hu.

Minħabba li l-latrini ma setgħux jinżammu mgħaluqa, s-Sindku ddeċieda li jmur għat-tielet l-orħos offerent, minħabba li t-tieni l-orħos kien il-kuntrattur Ricky Caruana – li l-Kunsill kellu diġa kuntratt miegħu u s-servizz tiegħu ma kienx sudisfaċenti, filwaqt li t-tielet l-orħos offerent kienet Mary Curmi li tat is-servizz tagħha tajjeb meta kellha kuntratt mal-Kunsill. Mary Curmi aċċettat li tibda tagħti tali servizz u titħallas mingħand il-kuntrattur Noel Xuereb.

Is-Sindku qal li minħabba li Mary Curmi ta' sikwiet tkun preżenti fil-latrina, mhux qed ikun hemm vandali. Is-Sindku kompla jgħid li ix-xogħol tagħha dejjem kien aħjar mis-servizzi li taw il-kuntratturi l-oħra.

Kien hemm qbil unanimu li minħabba li sakemm tinħareġ tender oħra l-latrini ma setgħux jibqgħu magħluqa l-Kunsill jgħażel lit-tielet offerent għas-somma ta' €7,502 inc. Vat u management fee, biex tagħti s-servizz ta' dan il-kuntratt. Tali kuntratt ma' Mary Curmi, għandu jiġi ffirmat u jibda fl-immedjat, filwaqt li jiġi tterminat il-Kuntratt ma' Noel Xuereb.

Kien hemm qbil li fil-festi l-latrina tal-ġibjun tinfetaħ ukoll.

**23.8** ***Tiġdid ta' Kuntratti :***

GS67/05/12 *Hortocultural Works at Public Gardens and Upkeep and Maintenance of Soft Areas*

DR 67/02/09c *Collection of Mixed Household Waste*

23.8.1 Kien hemm qbil li l-kuntrat GS67/05/12 jkun imġedded għal sena oħra.
Il-Kunsillier David Abdilla nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-contract manager, fejn ġew innotati ħafna nuqqasijiet u għalhekk

ġimgħa oħra ser ikollu laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija ELC biex jiġu diskussi tali nuqqasijiet.

Fir-rigward tal-multa li l-Kunsill irċieva mill-ARMS minħabba nuqqas ta' ħlas ta' ilma fil-ġnien il-ġibjun, is-Segretarju Eżekuttiv minn informazzjoni li ġabret il-meter ta' Ġnien il-Ġibjun mis-sena 2012 lura kien jinsab fuq Cleansing Department u mis-sena 2012 s'issa tali meter jinsab fuq MTA. Meta qed tipprova ċċempel u tibgħat emails lil min iffirma tali multa (is-Sur Steve Ellul – Arms) mhux qed tiġi mwieġba.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-Ministru kkonċernat.

23.8.2 Fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir ta' Skart DR67/02/09c, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ikkonċeda 3 xhur estenzjoni tal-kuntratt, sakemm l-istess dipartiment jgħati l-ordni għal ħruġ ta' tender ġdid.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li f'dawn it-tliet xhur il-Kunsill jinforma lill-pubbliku li kull nhar ta' Tlieta, l-ġbir tal-borża is-sewda ma tibqax issir, imma tinġabar biss il-borża il-ħadra tar-reċiklaġġ. Fit-tender li joħroġ ġdid il-Kunsill ser inaqqas ukoll il-ġurnata tal-Ħamis.

## *23.9 Kuntratt dwar Street Lighting*

23.9.1 Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li hu attenda għal-laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali Żejutn (minħabba li l-Kunsill kien parti mit-tender li ħarġet konġunta u li fiha kien hemm ukoll il-Kunsill Żejtun), fir-rigward ta' Street lighting, fejn kien hemm qbil li fit-tender il-ġdid jiżdiedu klawżoli fil-Bill of Quantities ta' bozoz solari u led għaliex fit-*tender* eżistenti mhumiex imniżżla. Hu qal li kien hemm diversi kunsilli lokali li aċċettaw li jingħaqdu bħala reġjun u joħorġu *tender* waħda.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fuq proposta li l-Kunsill jingħaqad mar-Reġjun biex tinħareġ tender konġunta.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jingħaqad mar-reġjun li l-Kunsill Lokali Żurrieq hu parti minnu – Reġjun Nofsinhar biex tinħareġ tender konġunta, sabiex il-Kunsill jibbenefika minn prezzijiet aħjar.

## *23.10 Data tal-ftuħ uffiċċjali tal-Proġett ta' Ħal Millieri*

23.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-proġett ta' Ħal Millieri jinsab fi stat li jitlesta dalwaqt u teħtieġ informazzjoni tad-data tal-ftuħ. Hi nfurmat ukoll li l-ftuħ irid isir mill-Onorevoli

Roderick Galdes flimkien mas-Sindku minħabba li hu l-membru parlamentari nkarigat mill-Bidja u Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li d-data tal-ftuħ tkun qrib il-festa tal-Annunzjata u għalhekk kien hemm qbil li l-ftuħ isir il-Ħadd 23 ta' Marzu, 2014. Hu ssuġġerixxa sabiex dak inhar ikun hemm il-kappella miftuħa għall-pubbliku.

Kien hemm qbil li s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joseph D'Amato u l-Kunsillier Pierre Farrugia jagħmlu laqgħa u tiġi diskussa l-attivita' tal-ftuħ. Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab li jkollu ftit minuti ċans biex jgħamel diskors minħabba li hu kien involut sa mill-bidu tal-proġett u ħa ħsiebu sal-aħħar.

***23.11 Ċittadin Ewlieni/ Ġieħ iż-Żurrieq***

23.11.1 Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Ċittadin Ewlieni daħlet applikazzjoni waħda u kienet wara d-data tal'iskadenza.

Kien hemm qbil li għal din is-sena l-premju Ċittadin Ewlieni ma jingħatax u minflok jingħata biss il-premju ta' Ġieħ iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li dan il-premju jingħata lill-ex Kunsilliera tal-leġislatura preċedenti u li l-Kunsilliera preżenti, jinnominaw persuna li tagħmel ġieħ liż-Żurrieq u tali nominazzjonijiet jitressqu fis-seduta li jmiss.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Raymond Grixti ħareġ mis-seduta ( 8.20pm). Qabel ma ħareġ talab lill-Kunsill jagħmel laqgħa ma' rappreżentant mill-WSC fuq ix-xogħol ta' trinek li qed jgħamlu fiż-Żurrieq.

***23.12 Korsijiet mit-TCTC (ser ikun preżenti s-Sur Ray Abela)***

23.12.1 F'dan il-ħin kien preżenti s-Sur Ray Abela, direttur tal-Kumpanija TCTC.

Is-Sur Abela qal li bħalissa f'Dar Mattia Preti fiż-Żurrieq qed isiru korsijiet tal-IT u dawn huma kreditati mill-NSFAC. Iċ-ċertifikati li tgħati t-TCTC huma *acknwoledged* mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u jikkwalifikaw għal Malta. Hu żied jgħid li iż-Żrieraq jikkonkorru ħafna għall-korsijiet li toffri l-kumpanija u dejjem kienu mimlija fejn jikkonċernaw korsijiet tat-tfal.

Is-Sur Ray Abela qal li qed jipprova japplika għall-fondi mill-EU fejn dawn jirrikjedu li l-post ikun bil-permissi tal-mepa jkollu ċertifikat mill-KMPD u ċċertifat mill-Health and Safety Department. Hu qal li għalkemm Dar Mattia Preti mhix aċċessibbli għall-persuni b'diżabilta', qed jipprova jġib il-fondi xorta waħda. Semma l-problema li s-saqaf ta' Dar Mattia Preti qed ifarfar u hu ta' inkonvenjent għall-istudenti li jattendu. Fejn jirrigwardja studenti mill-Imqabba u Qrendi, ħa ħsieb li jiġbor il-€5 hu mingħandhom biex

jitħallsu lill-Kunsill u issa il-każ tal-€5 administration fee lill-Kunsillo taż-Żurrieq hu magħluq. Is-Sur Abela żied jgħid li Dar Mattia Preti hu post akkreditat mill-ECDL Foundation ta' barra u ta' dan il-Kunsill għandu ċertifikat. Din is-sena bbenefikaw mal-200 student u l-Kunsill ħallas is-somma ta' €1,100.

Kien hemm qbil li f'seduta oħra jkun hemm item fejn il-Kunsill jiddiskuti tali korsijiet u l-ħlas li għandu jsir minn residenti ta' barra r-raħal.

***23.13 Eu Funding: Youth Exchange u Restoration***

23.13.1 Is-Sindku qal li l-Impjegata l-ġdida, kienet tieħu ħsieb l-applikazzjonijiet għal-fondi mill-EU fil-Kunsill preċedenti u tixtieq tagħti l-għajnuna tagħha f'dan il-Kunsill ukoll. Hi laqqet persuna – Is-Sur Mark Causon li timla tali applikazzjonijiet u titħallas minn u jekk il-fondi jittieħdu.

Kien hemm qbil li s-Sur Causon jiġi mistieden fil-laqgħat tas-sotto kumitati biex jagħti aktar informazzjoni.

***23.14 Tiġdid ta' Reduced Working Hours ta' Impjegata Francesca Camilleri***

23.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wasal iż-żmien biex jiġġedded il-ftehim mal-impjegata Francesca Camilleri fuq ir-reduced hours.

Kien hemm qbil li tali ftehim jiġġedded b'sena oħra taħt l-istess kundizzjonijiet.

***23.15 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

23.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsillier Rita Bellizzi ser torganizza ħarġa għall-anzjani fil-Crafts Village f'Ta' Qali. Hi qalet ukoll li l-attivita' li kellhom fil-palazz tal-president kienet suċċess.

Il-Viċi Sindku Rita Grima infurmat li hi ser torganizza ħarġa għal-familja fil-Palazz tal-President u aktar dettalji tagħtihom hekk kif tiġi aċċettata d-data proposta.

23.15.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat mill-pittur Ryan Falzon li bħalissa qed jagħmel xi xogħol fil-Mitħna tax-Xarolla, fejn infurmah li jrid japplika għal fondi mill-EU u li talab il-prezz li l-Kunsill iżommlu, jekk jorganizza esebizzjoni ta' pittura fil-Mitħna.

Kien hemm qbil li l-Kunsill iżomm is-somma ta' €100 kuljum ħalli jifdi l-ispejjeż tal-kuratur.

23.15.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato wera *artistic impression* ta' funtana li qed jipproponi li ssir f'Misraħ Mattia Preti. Kien hemm qbil fuqha u kien hemm qbil li tintbgħat lill-Perit Lewis, biex iħejji għat-tender tagħha.

23.15.4 Ġew imsemija dawn it-toroq għal-patching – Triq Dun Guzepp Zammit fejn il-berġa tas-Saħħa u Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jibda jibgħat ittri ta' twissija lill-Kuntrattur Polidano Bro. Minħabba d-dewmien tax-xogħol.

**23.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

23.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 2'** għall-ammont totali ta' **€80,020.06.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, il-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsillier Vincent Marmara.

**23.17 Data tas-seduta li jmiss.**

23.17.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21.40 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2014

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**